MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru 1145/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**vs**
**Dominic Cuschieri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Dominic Cuschieri** ta' 48 sena, bin il-mejtin Nazzareno u Dolores nee' Sapiano, mwieled Pieta nhar it-12 ta' Novembru, 1961, residenza mhux maghrufa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 712161(M);

1. talli nhar it-30 t'Ottubru, 2010, ghall-habta tas-7.00 ta' filghodu, mill-fond numru 7, Triq Abram Gatt, gewwa Bormla, ikkommettejt is-serq ta' tlett ghasafar taz-Zebbug u liema valur ta' dawn l-ghasafar jammonta ghal madwar €700, ghad-dannu ta' Reno Azzopardi u persuni ohra u liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-lok;

2. akkuzat ukoll talli nhar it-23 ta' Novembru, 2009, xjentement, f'Malta, ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u xjentement, b'kull mod, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

3. akkuzat ukoll talli, filwaqt li kien qed jinzamm gewwa l-ghassa ta' Bormla u kien sejjer jigi skortat lejn il-'lock-up', harab mill-kustodja tal-pulizija;

4. akkuzat ukoll talli, nhar il-31 t'Ottubru, 2010, filwaqt li kont gewwa l-ghassa ta' Bormla u fl-inhawi tal-madwar, m'obdiex legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

5. u aktar talli sirt recediv ai termini ta' l-Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9, tal-ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti mill-Qrati differenti, liema sentnzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmju mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita' bil-Ligi, tapplika wkoll l-Art. 383 tal-Kap. 9. tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati naturalment hlief it-tieni akkuza li hija akkuza alternattiva ghall-ewwel wahda u ghalhekk il-Qorti qed tillibera lil-imputat minn din l-imputazzjoni;

Rat l-artikoli 261(c) u (e), 267, 269, 279(a), 280(1), 151, 338(ee), 49 u 50;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum;

Tirrakommanda lid-Direttur tal-FCC sabiex jaghti kull ghajnuna mehtiega lill-hati biex jirrabilita’ ruhu mill-vizzju tad-droga.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------